# Il-Kumpless Arkitettoniku ta' San Pawl fir-Rabat: Kronaka (1)

# Interventi dokumentati li saru fl-ispazji tiegħu

**Mons. Ġwann Azzopardi**

Il-kumpless arkitettoniku ta' San Pawl, kif inhu llum jinkludi l-Knisja ta' San Pawl bis-sagristiji tagħha, ħajt ma' ħajt magħha l-Knisja ta' San Publiju u eżatt taħtha l-Grotta ta' San Pawl. Jinkludi wkoll iz-Zuntier bid-dar parrokkjali, u min-naħa l-oħra l-Kulleġġ li darba kien Kunvent tar-reliġjużi tal-Ordni ta' San Ġwann, bil-ġonna tiegħu. Fl-imgħoddi dan il-kumpless kien bil-wisq akbar għax minn naħa taz-zuntier kien hemm ċimiterju b'21 kappella li minnhom baqa' biss tnejn, u li kien jestendi lejn in-naħa ta' Ġieżu u l-idwar u minn naħa tal-Grotta kien hemm l-art li fiha nbnew żewġ skejjel tal-gvern u bitħa kbira tal-iskola.

Mal-medda taż-żmien u skont iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet tal-mument, kellhom isiru ħafna interventi f'dan il-kumpless kbir: knejjes u sagristiji jitkabbru u biex dan isir inxtara bini ta' terzi (djar, ġonna, għerien) kif ukoll ittieħdu partijiet minn spazji aperti li l-istess knejjes kellhom, bħal zuntier, btieħi, biex isir tkabbir. Ħafna drabi kellhom jinħattu l-istrutturi antiki li kien hemm qabel. Fl-istess bini minn ġewwa kultant kmamar jiċċekknu jew jitkabbru. Isiru diviżorji biex isir taqsim aħjar għall-bżonnijiet pastorali, soqfa għolja jitbaxxew u oħrajn baxxi jiġu mgħollija. Jinfetħu jew jingħalqu jew jiġu spostati turġien, u jitħaffru spazji biex xi draba jsir lift. Kultant spazji aperti fil-knisja jiċċekknu għax il-gvernijiet jisproprijaw art tal-Knisja għal xi użu partikolari jew biex jitwessgħu t-toroq.

F'din il-kitba se nelenka biss interventi dokumentati li saru fl-ispazji ta' dan il-kumpless Pawlin. Darb'oħra nelenka l-opra artistiċi u l-inizjattivi ta' natura pastorali dokumentati li saru f'dan l-istess kompless Pawlin.

**1366:** L-Isqof Ilarju jagħti b'ċens parti mill-foss tal-Knisja lil Bochius de Bochio. Il-knisja hi deskritta bħala *ecclesia sancti Pauli de cripta*, il-foss bħala *fossatum aliter dictum Syegi*, waqt li mal-Knisja jissemma wkoll iċ-ċimiterju (*cimiterium*). Din hi l-eqdem referenza dokumentata sa issa għall-kumpless Pawlin tar-Rabat.

**1441 Jannar 4:** Fl-atti tan-Nutar Luqa Sillato, Don Bernardo Janer jordna l-bini ta' kappella fiċ-ċimiterju (*in horto Sancti Pauli*).

**1444 Ottubru 5:** Fl-atti tan-Nutar Luqa Sillato, Pasqualino Bartolo jordna l-bini ta' kappella dedikata lil San Nikola fiċ-ċimiterju ta' San Pawl. Dawn iż-żewġ kappelli jiffurmaw parti mill-kumpless ta' 21 kappella li kienu jżejjnu ċ-ċimiterju Medjevali ta' San Pawl.

**1555:** L-Isqof Cubelles jordna għotja ta' 50 skud (oncie?) mill-Katidral għal xi tkabbir fil-Knisja ta' San Pawl.

**1575-78:** Il-Knisja ta' San Pawl kienet qed titkabbar. Mat-tlestija, il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Martin Royas fl-1578.

**1601:** Bl-approvazzjoni tal-Isqof Gargallo, inbniet minn xi nies dar żgħira ħdejn il-Grotta ta' San Pawl *'cum suo atrio sive cortile et viridario'* bħala residenza tal-eremita spanjol Juan Benegas de Cordoba li ddedika ruħu għall-Grotta.

**1608 Settembru 12:** Il-Papa Pawlu V permezz ta' Bolla *apud Sanctum Marcum* ordna li tingħata lil Benegas biċċa art kbira mill-Prebenda Għarbarka tal-Katidral għall-użu ta' kostruzzjonijiet favur il-Grotta ta' San Pawl. Dik bdiet tintuża minn Benegas innifsu, mis-saċerdoti li kien iqabbad u mill-pellegrini li kienu jiġu jżuru l-Grotta. Aktar tard il-kulleġġ tal-lum bil-ġonna tiegħu ġie mibni fuq din l-art.

**1610 Diċembru 6:** Brevi tal-Papa Pawlu V konfermat bi brevi ieħor tas-16 ta' Jannar 1611. Il-Grotta ġiet smembrata mill-Parroċċa u mgħoddija lil Benegas. Minnufih Benegas bena fuq il-Grotta knisja ċkejkna dedikata lil San Publiju. Waqt il-bini nstab ipoġew bi skrizzjoni kristjana bil-Latin, li ġiet akkwistata minn Gian Francesco Abela. Din ġiet ippubblikata kemm-il darba għalkemm illum mitlufa.

**1611:** Fiz-zuntier inkixfet il-kappella tal-Madalena mimlija skeletri 'ikkatastati' fuq xulxin, kif jirriżulta mill-iskrizzjoni li għadha tinsab fl-istess kappella.

**1617 April 24:** Benegas ċeda lill-Ordni ta' San Ġwann l-Grotta ta' San Pawl bil-knisja ċkejkna fuqha ta' San Publiju, bil-bini kollu li laħaq għamel u l-ġonna fl-ispazju tal-Kulleġġ u bl-akkwisti l-oħra li kien għamel. Dan seta' jagħmlu għax kellu l-awtorizzazzjoni tas-Santa Sede.

**1617 April 24:** Bl-atti tan-Nutar Giovanni Tolossenti ġew smembrati tliet għerien mill-prebenda Għar Barka għall-użu tal-Grotta.

**1624:** Fiz-zuntier ġiet skoperta kappella oħra. Jgħarrafna biha l-artist Willem Schellinks li żar Malta fl-1664 u pinġa wkoll il-Knisja ta' San Pawl fil-fażi ta' kostruzzjoni.

**1644 Awwissu 18:** Bl-atti tan-Nutar Luca Mamo, il-Kolleġjali xtraw għar m'għand Ġużeppi Inguanez.

**1646:** Ir-rettur tal-Grotta Fra Ġirolamo Mamo qabbad lil Francesco Buonamici, l-arkitett residenti tal-Ordni, biex ifassal pjanta ta' Kunvent kbir bi stil barokk. Bdiet l-ewwel fażi tal-bini tal-Kulleġġ b'nefqa ta' skudi 218.11.6. Ix-xogħol intemm fis-sena 1650.

**1647 Ġunju 10:** Bl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, il-Kolleġjali xtraw dar m'għand Publiju u Margarita Inguanez biex fiha tkun tista' ssir sagristija għall-Knisja ta' San Publiju. Minn dak li ġara wara jidher li ġnien jew spazju kbir magħha kellha.

**1657 Frar 25:** Bl-atti tan-Nutar Pasquale Debono, Ugolino Cumbo Navarra awtorizza lil Cosmana Navarra twaqqa' l-kappella ta' San Anton Abbati, waħda mill-kappelli taċ-ċimiterju, u flokha ttella' altar ta' San Anton fil-kappellun tal-knisja l-kbira li kienet qed tinbena. L-altar kellu jkollu x-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja, S. Anton u S. Filippu Neri.

**1663 Jannar 18:** Bl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, il-Kolleġjali xtraw xi djar m'għand Ġużeppi Inguanez u ommu Ġużeppa.

**1664 April 16:** Bl-atti tan-Nutar Allegritto, Cosmana Navarra għamlet kuntratt ma' Lorenzo Gafa biex jagħti bidu għat-tieni fażi tal-bini tal-Knisja l-Ġdida ta' San Pawl. Għamlet kundizzjoni li t-taraġ li minn nofs il-Knisja jagħti għall-Grotta ma jintmissx.

**1664 Novembru:** Saret ħsara fl-art ta' quddiem il-knisja billi nkixef għar. Il-kolleġjali minnufih qabbdu lil Ġużeppi Vella biex jordomha mill-ġdid.

**1665 Jannar 18:** Bl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, il-Kolleġjali xtraw m'għand Ġużeppi Inguanez u ibnu Mario spazju u żewġ għerien biex ikabbru mill-faċċata l-Knisja ta' San Publiju, bi ħlas ta' 27 skud u 6 tari.

THE WIGNACOURT COLLEGIO THE ANATOMY OF A BAROQUE BUILDING IN MALTA The First Half of the Seventeenth Century




Plate 2.3 THE GROUND FLOOR OF THE BUILDING SHOWING WALLS M1-4 AND AXES A1 AND A2.



**1665 Ottubru 12:** Fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, Pietru Callus bin Pawlina xtara dar kbira m'għand Vincenzo Stellini u biegħha f'żewġ nofsijiet. Biegħ nofsha lil Cosmana Navarra li riedet tibni minn flusha knisja ġdida u kbira ta' San Pawl. In-nofs l-ieħor biegħu lill-Kolleġjali tal-Ordni biex ikabbru l-Knisja ċkejkna ta' San Publiju. Donnu jidher li Pietru Callus għamilha speċi ta' medjatur biex jgħin indaqs liż-żewġ partijiet.

**1665:** Il-Kolleġġjali wkoll iqabbdu lil Gafa ikabbar il-Knisja ta' San Publiju. Naturalment biex ikun hemm aktar bilanċ arkitettoniku.

**1667 Frar 5:** Bl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, Petruzzo u Domenica de Callus biegħu n-nofs ta' dar biex isservi bħal pjazza.

**1672 Awwissu 22:** Bl-atti tan-Nutar Luca Mamo, il-Kolleġjali xtraw għar m'għand Ġużeppi Inguanez b'piż ta' 10 grani fis-sena.

**1679:** Cosmana Navarra qabbdet arkitett għal dak il-'monte sacro' ottagonali taż-Żuntier, li aħna nsejħulu ż-Żurżiegħa, bi statwa tal-ġebel ta' San Pawl, kopja tal-istatwa fl-irħam li Melkjorre Gafa għamel għall-Grotta. L-istatwa ta' San Pawl qed tħares lejn Għawdex, biex turi li San Pawl evanġelizza wkoll lill-poplu Malti kollu, Maltin u Għawdxin. L-istatwa tpoġġiet fiċ-ċentru ftit 'il bogħod minn dak il-mafkar tas-salib li hu aktar antik.

**1679-1680:** Lorenza Gafa bena sottopassaġġ spazjuż taħt it-triq biex jgħaqqad il-Kunvent mal-Grotta bi spiża ta' 180 skud spejjeż u 12-il skud ħlas lil Gafa. Waqt it-tħaffir tfaċċaw diversi ipoġej, li traċċi tagħhom għadhom jidhru sal-lum.

**1680 Mejju 2:** Isir Gran Mastru Gregorio Carafa. Dakinhar stess Cosmana Navarra qalgħet mingħandu l-grazzja li takkwista b'xi kundizzjonijiet il-ġnien tal-Kolleġjali wara l-knisja ta' San Publiju u fih tibni l-Kappellun ta' San Stiefnu. Tibni wkoll sagristiji ġodda għall-knisja ta' San Publiju.

**1680 Settembru 1:** Bl-atti tan-Nutar Giuseppe Allegritto, il-Kolleġjali xtraw nofs id-dar ta' Paolina Callus, imwielda Stellini, għall-użu tal-Kulleġġ.

**1683 Marzu 12:** Bl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto, Cosmana Navarra: xtrat id-dar *in quarterio Ven. Eccl. Par. Rabati* mingħand Andrea u Rosa Xicluna. Din ġiet imħollija lil Dun Mose Navarra li kienet rabbietu hi u wara mewtu d-dar tħalliet lil-Lampada tal-Parroċċa.

**1706-1708:** Ir-rettur tal-Kulleġġ Fra Gioacchino Grech ta bidu għat-tieni fażi tal-bini tal-Kulleġġ. L-arkitett kien Salvu Borg.

**1707 Frar-Marzu:** Fil-ġnien tar-rettur instab xi ġebel kbir li ntuża biex saret riserva għaż-żamma tal-ilma.

**1724 Frar 8:** Bl-atti tan-Nutar Ignazio Debono, il-Kolleġjali xtraw mingħand Dun Ġużepp Stivala *due grotte con l'adito e cortile al Collegio*. Ħallsuh 50 skud. Dawn kienu soġġetti għall-ħlas lill-Prebenda Għar Barka ta' tari kull 29 ta' Ġunju.

**1724 Marzu 19:** Bl-atti tan-Nutar Ignazio Debono, il-Kolleġjali xtraw m'għand Maria Scerri u Grazzja Inguanez *grotta con cortile ed adito* bi ħlas ta' 25 skud suġġetti għal 10 grani kull sena lill-Prebenda Ghar Barka.

**1726 (April) - 1727 (Jannar):** Tkabbret mill-ġdid *in superiori et sinistra parte* il-Knisja ta' San Publiju, ħajt ma' ħajt ma' San Pawl mill-arkitett Salvu Borg bi spiża ta' 2121 skud u b'kontribuzzjoni kbira ta' Dr Filippo Gauci.

**1736 Diċembru 21:** Fl-Atti tan-Nutar Ignazio Debono, il-Kolleġġjali taw b'ċens ta' 99 sena biċċa mill-ġnien tar-Rettur b'xi kmamar ġo fih. Dan kellu aditu fi Triq il-Kulleġġ kif tixhed l-iskrizzjoni li għadha tidher sal-lum fuq bieb ta' dak li ġġib in-numru 'tenement 411'.

**1747-49:** Inbniet l-aħħar u l-akbar parti tal-Kulleġġ, mill-perit Petruzzo Debono.

**1753 Ġunju 12:** Il-koppla ta' San Pawl mibnija minn Lorenzo Gafa ġiet eżaminata minn tliet periti magħżula mill-Gran Mastru. Dawn taw il-parir li l-koppla hi mfassla kbira wisq għall-Knisja u forsi jkun aħjar li tinħatt.

**1754 Mejju 26:** L-Isqof Giacomo Cannaves laqa' t-talba tal-prokuratur tal-knisja ta' San Pawl biex jinbena ċint faċċata tal-bieb prinċipali tal-knisja biex jagħlaq l-ispazju, u hekk titgawda aħjar il-prospettiva tal-Knisja. N. B. L-anzjani jiftakruh dan iċ-ċint li kien jgħatti l-famuża "ħofra".

**1756 Lulju 19:** Il-Kolleġjali xtraw terren b'kamra ġo fih.

**1768 Awwissu 7:** Fiz-zuntier instabet grotta-kappella oħra dedikata lill-Vitorja. Din tbierket mill-Arċipriet Dun Ġużepp Saliba u reġgħet ingħalqet.

**1782:** B'ordni tal-Gran Mastru, id-dar tar-Rettur ġiet temporanjament okkupata mill-Kavallier de Merlat. Il-kolleġġjali pprotestaw mal-Gran Mastru għal xi bidliet li kien għamel fiha.

**1807 Ottubru 2:** Il-Gvern Ingliż ħa f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni kollha tal-Ordni inkluża l-Grotta u l-beni estensivi tagħha, bi ħlas annwali ta' somma fissa lill-Kolleġjali u bi ħlas għal xi legati tal-Quddies u għax-xemgħa. In-nomini tal-kolleġjali riedu jiġu approvati mill-gvern. Taħt l-amministrazzjoni tal-Gvern, il-qagħda finanzjarja tal-Grotta marret għall-agħar waqt li qabel kellha dħul fjorenti li ntuża għal bosta opri.

**1890 Jannar 22:** Il-Gvern għamel attentat biex jissoprimi parti sostanzjali mill-fondazzjoni tal-Grotta. Wara reżistenza qawwija dal-proġett falla.

**1892 April 4:** B'digriet tal-Kurja, il-Konfraternità tas-Ssmu Sagrament bniet maħżen imdaqqas fiz-zuntier fuq proprjetà tal-Erwieħ biex fih jinżammu matul is-sena statwi u armar ieħor tal-festi esterni.

**1895 Frar 4:** Il-Gvern ta bidu għall-bini ta' skola elementari bi ġnien kbir magħha billi ħa biċċa art kbira mill-ġonna tal-Kulleġġ. Dan il-bini tlesta f'Awwissu 1896.

**Qabel l-1896:** Mal-qtugħ tal-frammenti tal-ġebel mill-grotta ta' San Pawl tfaċċaw żewġ ipoġej li l-ftuħ tagħhom mill-Grotta reġa' ngħalaq bil-ġebel. Fl-1980 fuq talba tiegħi u wara parir mill-Perit Leonard Mahoney dawn reġgħu nfetħu u ġew ukoll pubblikati.

**1900 Ottubru 20:** Bl-atti tan-Nutar Francesco Catania fis-sagristija tal-Knisja ta' San Pawl inbena l-maħżen għaż-żamma tal-fided u paramenti sagri li jintramaw fil-ġranet tal-festi. Għall-kostruzzjoni tiegħu ttieħed parti mill-foss.

**1902:** Għall-ewwel darba fl-istorja, ir-Rabat u l-Imdina ma baqgħux parroċċa waħda iżda saru żewġ parroċċi, b'limiti determinanti.

**1902-7:** Dun Salv Chircop, irranġa z-zuntier b'passaġġ wiesgħa f'nofsu u bi statwetti tal-erwieħ. Żewġ skrizzjonijiet qodma ġew ingastati f'dan il-passaġġ.

**1905:** Il-gvern għadda d-dranaġġ pubbliku fl-inħawi ta' Triq il-Katakombi u għadda fossa prinċipali minn ġo Ipoġew fil-ġnien tar-Rettur tal-Kulleġġ.

**1910:** Il-gvern iddeċieda li jibdel fi playground il-ġnien kbir li kien tar-Rettur u li żammu anness mal-iskola. Id-Dipartiment tal-Mużew insista li l-ewwel għandhom isiru fih skavi arkeoloġiċi. Instabu minnufih 10 oqbra u 3 ipoġej. Id-direttur, Sir Temi Zammit, ma rnexxilux iwaqqaf li l-ġnien isir playground. Sfortunatament aktar tard il-wiċċ tal-playground inkesa wkoll bil-konkos. Fl-1987 il-Ministru Daniel Micallef wessa Triq il-Kulleġġ billi ħa parti minn dan il-playground u għamel bankina spazjuża b'siġġijiet u b'fontana u b'latrina aktar moderna. Il-ħajt il-ġdid żejnu b'numru ta' arkati spazjużi li taw dehra isbaħ lit-triq.

**1912:** Bi spejjeż tal-Kavallier Eugenio Schembri li kien joqgħod ir-Rabat, fi żmien il-parrokat ta' Dun Karm Sammut, inbena l-Oratorju sabiħ tal-Knisja għat-tagħlim tad-Duttrina. Infetħu arkati li jagħtu għall-Kappellun ta' San Stiefnu kif ukoll bieb li jagħti għall-foss.

**1916:** Infetħet arkata kbira fil-Kappellun ta' San Anton biex fiha titqiegħed l-istatwa titulari ta' San Pawl li qabel kienet tinżamm bla pedestall f'arkata iċken bejn l-altar tal-Madonna tal-Grazzja u dak tas-Sagra Familja.

**1918 Frar 223:** Bl-atti tan-Nutar Francesco Catania, il-parroċċa xtrat mingħand Vincenzo Zammit u ħutu bniet tliet djar biswit l-Oratorju fi Triq il-Kulleġġ bi prezz ta' liri maltin 108. Waħda mid-djar inħattet u nbidlet f'kuritur passaġġ li minn Triq il-Kulleġġ jagħti direttament għall-Oratorju tal-Knisja.

**1919:** Fuq l-iskutella oriġinali tal-koppla bla lanterna ta' Lorenzo Gafa, fuq xewqa ta' bosta Rabtin fi żmien il-Kappillan Sammut u fuq pjanta tal-perit Carmelo Micallef, inbniet skutella oħra b'lanterna mniffda mal-qadima.

**1923 Settembru 18:** Terremot għamel ħsara kbira lill-koppla tal-Knisja. Bħala tiswija rabtu l-koppla b'ċinturin tal-ħadid.

**1924 Novembru 29:** Il-parroċċa ġarrbet id-disgrazzja tal-waqgħa tal-koppla bil-grazzja magħha li ma miet ħadd. B'ħidma kbira tal-Kappillan Dun Nerik Bonnici, fuq pjanta tal-Perit Robert Galea, inbniet koppla ġdida li tlestiet għal kollox fl-1926.

**1939-43:** Fit-tieni gwerra dinjija fil-Gvern ħa f'idejh

il-Kulleġġ, bil-ġonna tiegħu u bid-dar tar-Rettur, barra ftit kmamar għall-użu tal-Kolleġjali. Il-bini serva għal bosta użi: forn b'obbligu ta' 2000 ħobża kull filgħodu l-Gvern, skola elementari, uffiċċji governattivi, kenn għar-refuġjati, infermerija mmexxija mit-Tabib Ġużeppi Bugeja fid-dar tar-Rettur u wara residenza tas-Sur Ġiġi Degiorgio responsabbli mill-Kulleġġ. Ħaffer ukoll shelters, b'żewġ kurituri wesgħin, li mal-ħitan tagħhom familji privati bil-permess tal-gvern ħaffru kmamar imdaqqsa, b'kollox mal-50 kamra. Għal 14-il xahar il-gvern okkupa wkoll il-Grotta ta' San Pawl bħala xelter. Iżda wara protesti, fil-5 ta' Settembru 1941, Mons. Arċidjaknu Apap Bologna delegati tal-Arċisqof ċċelebra fil-Grotta quddiesa solenni ta' rikonċiljazzjoni u ħeġġeġ in-nies biex jitolbu bil-ħerqa lil Missierna San Pawl.

**1956 April 25 u Settembru 11:** Bl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, Carmelo Vassallo ċeda parti żgħira mill-ġnien tiegħu li tmiss mal-foss tal-parroċċa waqt li akkwista in kambju u b'xiri partijiet mill-maħżen taz-zuntier.

**1956-9:** Il-Kappillan Dun Karm Lia wettaq proġett spendjuż ta' bini ta' sala parrokkjali kbira tal-għoli. Il-proġett involva tibdil fis-sagristiji eżistenti, fiz-zuntier u f'parti mill-foss. B'hekk saret sagristija ġdida tawwalija u għolja, kuritur wiesgħa, tliet kmamar, sular intermedju u taraġ u fuq dan kollu sala spazjuża. Estiż ukoll b'10 piedi l-maħżen taz-zuntier.

**1961 April 17:** B'kompromess storiku bejn gvern kolonjali u d-djoċesi, bl-Atti tan-Nutar tal-Gvern Victor Milleri, il-gvern ċeda l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq il-Knejjes u l-Kulleġġ waqt li ħa f'idejh il-beni kollha tal-Grotta bi ħlas annwali irrevedibbli ta' elf lira Maltin fis-sena. Il-Knejjes għalhekk għaddew f'idejn id-Djoċesi. Fil-kuntratt hemm stipulat li fil-Kulleġġ isir Mużew.

**1962 Novembru 24:** Bil-bolla *Apostolicae Sedis* maħruġa f'isem il-Papa Giovanni 23, il-Grotta ta' San Pawl reġgħet ingħaqdet mill-ġdid kanonikament mal-Parroċċa li issa saret Kolleġġjata skont id-Dritt Kanonku. B'effett ta' din l-għaqda, fil-ħxuna tal-ħajt tal-Knisja nfetaħ passaġġ li jgħaqqad il-Knisja ta' San Pawl ma' dik ta' San Publiju. Biex dan isir ġie msaqqaf bil-konkrit it-taraġ li mill-Knisja kien jagħti għall-Grotta. Infetaħ ukoll bieb mis-Sagristija tal-Kulleġġ għall-kuritur tal-Oratorju.

**1960-63:** Wara l-mewt tan-Nutar Catania fl-1960 u bit-twaqqigħ tad-dar tiegħu, twessgħu l-passaġġ dejjaq li miz-zuntier jagħti għal Strada Rjali u l-parti ta' Strada Rjali li tmiss maz-zuntier. Iddaħħlet ukoll 'il ġewwa l-faċċata tad-Domus Curialis, id-dar tal-Arċipriet. Fiz-zuntier tbaxxa l-livell tal-ħamrija u nfetaħ taraġ spazjuż fiż-żurżieqa mad-dahar tal-istatwa ta' San Pawl. Dan it-taraġ ġie jħares lejn iz-zuntier flok lejn Triq ir-Rebħa. Din il-parti taz-Zuntier bdiet tintuża għal xi funzjonijiet reliġjużi bħall-preċett tat-tfal, inkluż dak tal-1967 mmexxi mill-Kardinal Paolo Marella, fejn ġie preżentat id-deheb kollu li kien inġabar għat-tabernaklu.

**1964 c:** Twaqqa' ċ-ċint li kien inbena fl-1754 bħala l-għeluq tal-pjazza l-antika ta' quddiem il-knisja biex bit-tneħħija tiegħu tintradam il-'ħofra' kif ukoll il-parti tal-foss Ruman ta' quddiem il-knisja ħalli ssir pjazza akbar kif ukoll triq ġdida (Triq Santa Rita).

**1978:** Sar tkabbir żgħir fil-maħżen tal-armar fiz-zuntier.

**1981 Ġunju 24:** Festa ta' San Ġwann Battista. Il-Kulleġġ infetaħ uffiċjalment bħala Mużew tal-Kolleġġjata, għalkemm f'diversi kmamar mis-sular t'isfel kien baqa' maħżun xi armar tal-festi titulari. Il-kuritur tas-sular t'isfel beda jintuża wkoll għall-wirjiet minn artisti Maltin u barranin attivi f'Malta. Snin wara l-kmamar kollha ġew liberati għall-użu esklussiv tal-Mużew.

**1985 Mejju:** Ġie ppubblikat avviż legali li bih parti miz-zuntier fi Triq San Pawl kellha tiġi espropriata biex fiha jsir promenage. Wara petizzjoni iffirmata minn eluf ta' nies u wara laqgħat fuq livell għoli, f'Mejju ntlaħaq ftehim li waqt li jsir proġett ta' abbelliment, l-espropazzjoni tiġi legalment irtirata. L-avviż legali ħareġ żmien wara.

**1986:** Fil-kulleġġ ix-xelters tal-gwerra nfetħu mill-ġdid għall-viżitaturi.

**1990:** Bi tħejjija għall-Miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Mejju, sar xogħol estensiv ieħor fiz-zuntier, bil-pavimentar ta' parti kbira minnu, bit-tħawwil ta' siġar u b'diversi abbellimenti.

**2001-2004:** Twettaq proġett spenduż (kif ukoll b'ħafna xogħol volontarju) ta' tkabbir fuq tliet livelli tal-maħżen tal-armar bil-qtugħ ta' blat u taħmil tas-sotterran, twessiegħ fil-livell tal-pjan terren u l-bini ta' sular ġdid fuqu. Bejn Ottubru 2001 u Jannar 2002 it-tħaffir ġie kollu monitorat minn arkeologa f'isem il-Gvern. Il-proġett ġie inawgurat uffiċjalment fid-29 ta' Ġunju 2004.

**2006 Ġunju 23:** Tlestiet survey dettaljata tal-ispazji kollha tal-Kulleġġ u kif dawn jaħbtu fuq xulxin, inklużi l-oqbra u x-xelters. Waqt il-wirja fuq il-kult Pawlin li l-Arċisqof Mercieca inawgura fil-Mużew, l-Onor. Ministru Ninu Zammit ippreżenta lill-Arċisqof kopja ta' din is-survey li jservi ta' għajnuna kbira fl-istrutturar tal-Mużew.

**2008:** Sar tibdil fit-taraġ sekondarju tas-sagristija tal-Knisja Parrokkjali u nagħlqu diversi aċċessi biex tiżdied is-sigurtà tal-Knisja.

**2010 Lulju 28:** Wara li nstab post alternattiv għad-duttrina tat-tfal bniet tal-Mużew, billi Mons. Ġwann Azzopardi ċeda r-residenza tiegħu f'Ħal Bajjada u, b'digriet tal-Kurja, id-dar tar-Rettur ġiet magħquda mill-ġdid mal-Kulleġġ u fiha tpoġġew l-arkivji u librerji tal-Mużew, aċċessibli għar-riċerka mill-istudjużi.

**2011:** Il-ħajt diviżorju tal-perspex li kien jifred is-sagristija mis-Sala St Patrick inbidel f'ħajt solidu tal-ġebel b'niċeċ u bi prospettiva sabiħa bil-lavur fejn tpoġġiet l-istatwa artistika ta' San Mikiel li qabel kienet fl-Oratorju. Fis-sagristija bdew jiġu esposti diversi fided tal-festa nkluża l-ġilandra ta' Corpus.